

32006D0933

15.12.2006

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

L 355/95

## DEĊIJONI TAL-KUMMISSJONI

ta' l-14 ta' Diċembru 2006

**dwar l-issoktar fis-sena 2007 ta' provi u testijiet komparativi Komunitarji fuq materjal ta' propagazzjoni u ta' tħawwil tal-*Prunus domestica* L. u tal-*Malu* Mill. skond id-Direttiva tal-Kunsill 92/34/KEE li ngħataw bidu fl-2003 u l-2004**

(2006/933/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 92/34/KEE tat-28 ta' April 1992 dwar il-marketing tal-materjal tal-propagazzjoni tal-pjanti tal-frott u tal-pjanti tal-frott maħsuba għall-produzzjoni tal-frott<sup>(1)</sup>,

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2002/745/KE tal-5 ta' Settembru 2002 li tistabbilixxi l-arranġamenti għall-provi u testijiet komparativi Komunitarji fuq materjal ta' propagazzjoni u materjal ta' tħawwil ta' pjanti tal-frott taħt id-Direttiva tal-Kunsill 92/34/KEE<sup>(2)</sup>, u b'mod partikulari l-Artikolu 3 tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/894/KE tal-11 ta' Diċembru 2003 li tistabbilixxi l-arranġamenti għall-provi u t-testijiet komparativi tal-Komunità fuq il-materjal propagattiv u tat-tħawwil tal-*Prunus persica* (L.) Batsch, *Malus* Mill. u *Rubus idaeus* L. b'segwiment tad-Direttiva tal-Kunsill 92/34/KEE<sup>(3)</sup>, u b'mod partikulari l-Artikolu 3 tagħha,

Billi:

- (1) Id-Deċiżjoni 2002/745/KE tistabbilixxi l-arranġamenti għall-provi u t-testijiet komparativi li għandhom jitwettqu skond id-Direttiva 92/34/KEE fir-rigward tal-*Prunus domestica* L. mill-2003 sa l-2007.
- (2) It-testijiet u l-provi mwettqa mill-2003 sa l-2006 għandhom jissoktaw fl-2007.

(3) Id-Deċiżjoni 2003/894/KE tistabbilixxi l-arranġamenti għall-provi u t-testijiet komparativi li għandhom jitwettqu skond id-Direttiva 92/34/KEE fir-rigward tal-*Malus* Mill. mill-2004 sa l-2008.

(4) It-testijiet u l-provi mwettqa fl-2004 sa l-2006 għandhom jissoktaw fl-2007,

IDDECIJIDET KIF ĠEJ:

*Artikolu Waħdieni*

Il-provi u t-testijiet komparativi Komunitarji mibdija fl-2003 fuq materjal ta' propagazzjoni u tħawwil tal-*Prunus domestica* L. għandhom jissoktaw fl-2007 skond id-Deċiżjoni 2002/745/KE.

Il-provi u t-testijiet komparativi Komunitarji mibdija fl-2004 fuq materjal ta' propagazzjoni u tħawwil tal-*Malus* Mill. għandhom jissoktaw fl-2007 skond id-Deċiżjoni 2003/894/KE.

Magħmul fi Brussel, 14 ta' Diċembru 2006.

*Għall-Kummissjoni*

Markos KYPRIANOU

Membru tal-Kummissjoni

<sup>(1)</sup> ġu L 157, 10.6.1992, p. 10. Id-Direttiva kif emadata l-aħħar bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/54/KE (ġu L 22, 26.1.2005, p. 16).

<sup>(2)</sup> ġu L 240, 7.9.2002, p. 65.

<sup>(3)</sup> ġu L 333, 20.12.2003, p. 88.